Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,610, 20 ta' April, 2021

Taqsima B

A.L. 168 tal-2021

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2021 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2020 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għas-Certificate in Safeguarding of Children and Young People taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teoloġija u tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bordijiet tal-Fakultà tat-Teoloġija u tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilhom skont l-artikolu 81(1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2021 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2020 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għas-Certificate in Safeguarding of Children and Young People u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2020 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għas-Certificate in Safeguarding of Children and Young People taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teoloġija u tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà, ippubblikati bħala Avviż Legali 299 tal-2020, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2021 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Il-paragrafu (3) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (2) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali:

"(3) L-applikanti li jidħlu skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament għandhom ikunu għaddew fit-test ta' profiċjenza fil-lingwa Ingliża kif approvat mill-Università qabel ma jidħlu fil-Kors, iżda l-applikanti li jkollhom iċ-ċertifikat fl-Ingliż fil-livell taċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja bi Grad 3 jew ogħla, jew kwalifika komparabbli fl-istess livell għandhom ikunu eżentati minn dan ir-rekwiżit."

4. Il-paragrafu (3) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (4).

5. Il-paragrafu (4) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.